

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1870 tas-7 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' aċidu eruċiku u ċjanur tal-idroġenu f'ċerti oġġetti tal-ikel

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 289 tat-8 ta' Novembru 2019)

Anness I u II huma sostitwiti b'dan li ġej:

"ANNEX I

Fit-Taqsima 8 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, l-entrata 8.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

Oġġetti tal-ikel (*)	Livell massimu (g/kg)	
'8.1.	Aċidu eruċiku, inkluż aċidu eruċiku magħqud fix-xaħam	
8.1.1.	Żjut u xaħmijiet veġetali mqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel bl-eċċezzjoni taż-żejt tal-camelina, taż-żejt tal-mustarda u taż-żejt tal-fidloqqom	20,0
8.1.2.	Żejt tal-camelina, żejt tal-mustarda (*) u żejt tal-fidloqqom	50,0
8.1.3.	Mustarda (kondiment	35,0'

(*) Bl-aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti, il-livell massimu ma japplikax għaż-żejt tal-mustarda prodott u kkunsmat lokalmnt.

ANNEX II

Fit-Taqsima 8 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, l-entrata 8.3 hija sostitwita b'dan li ġej:

Oġġetti tal-ikel (*)	Livell massimu (mg/kg)	
'8.3.	Ċjanur tal-idroġenu, inkluż ċjanur tal-idroġenu magħqud fi glikosidi ċjanoġeniċi	
8.3.1.	Lewż tal-berquq mhux ipproċessat sħiħ, mitħun, ikkrekkjat u mqatta', imqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali ⁽⁵⁴⁾ ⁽⁵⁵⁾	20,0

⁽⁵⁴⁾ 'Prodotti mhux proċessati' kif definita fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

⁽⁵⁵⁾ 'Tqegħid fis-suq' u 'konsumatur finali' kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1)'. "